MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 46/2010

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Marzu 1998, gewwa r-Registru Pubbliku, Valletta, Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’;

Illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b’qerq dwar il-kwalita’ tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni essenzjali taghha li, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali ta' hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-istess kunsens inkiseb ukoll b'kundizzjoni li kienet tirreferi ghall-futur;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien wiehed null u invalidu skond il-ligi;

Illi l-attur jaf personalment bil-fatti kollha ddikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, l-attur jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fil-21 ta' Marzu 1998, gewwa r-Registru Pubbliku, Valletta, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (c) (d) (f) u (g) tal-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, il-konvenuta ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi dan huwa kaz klassiku ta' zwieg ta' konvenjenza. Il-konvenuta hija cittadina tal-Marokk. Fiz-zmien meta ltaqghet mal-konvenut kien skada l-permess li kellha biex tibqa' Malta. Talbet lill-attur biex jizzewgu u hu accetta.

Hu jixhed hekk:

"*Wara xi gimghatejn niltaqghu Paceville u xi drabi l-Belt, kienet informatni illi kellha problema.*

*Il-problema kienet illi l-Visa taghha kienet se tiskadilha u l-pulizija ma jhalluhiex terga' tidhol Malta jekk terga' tmur pajjizha. Issuggeritli li nizzewwigha ghax b'hekk il-pulizija kienu jaghtuha permess ta' residenza temporanja sakemm jghaddu 5 snin wara zwieg ma' cittadin Malti.*

*Missieri kont nghidlu li se nitlaq mid-dar ghax ma stajtx niggieled u nillatikaw kontinwament; pero' m'ghidtlux illi kont se nizzewweg bir-registru biss ghax zgur kien jirrabja izjed. Missieri miet fis-sena 2001. Wara li hsibtha u staqsejt lil shabi dwar li nizzewweg halli D tibqa' Malta u jiena nibqa' nohrog maghha, iddecidejt illi mmorru r-Registru Pubbliku halli napplikaw ghat-Tnidijiet taz-Zwieg.*

*D kienet ferhana immens illi ma kelliex ghalfejn tirritorna l-Marokk u wara li morna l-Belt napplikaw ghaz-zwieg, kienet bdiet tistedinni gol-flat taghha l-Imsida. Hemmhekk kienet tirrisjedi ma' habiba taghha Marokkina ukoll. Jiena kont immur filghaxijiet u kienet issajjarli xi haga qabel immorru Paceville. Pero' qatt ma rqadna flimkien ghax kienet toqghod m'ohra u l-flat kellu kamra tas-sodda wahda niftakar.*"

Il-konvenuta meta xehdet in subizzjoni qalet hekk:

"*Jiena cittadina tal-Marokk. ... Malta fl-1995. Kont ilni Malta xi sena u nofs meta ltqajt mal-attur. Dak iz-zmien ma kontx nahdem. Kont iltqajt mieghu gewwa bar. ... VISA. Ikolli nirrinovah kull xahar, il-permess biex noqghod Malta. Ahna konna ilna nafu lil xulxin xi xahrejn qabel*

*izzewwigna. Ahna qatt ma kellna dar flimkien. Dak iz-zmien li zzewwigt kont noqghod ma' habiba tieghi. Qatt ma fittixna dar flimkien. Ghand il-habiba tieghi kien jigi u jmur. Ghamilna flimkien xi xahrejn.*"

F'materja ta' simulazzjoni "*Naturalmente non sara' facile raggiungere una prova sicura di tale convenzione contraria all'essenza dell'atto; e si deve auspicare che essa venga riconosciuta solo nei casi nei quali si manifesti palesamente tale intenzione (esempi tipici di questi casi di c.d. « matrimonio apparente » si hanno in matrimoni contratti per ottenere la cittadinanza o per lo meno il permesso di residenza in uno stato ....*" (**Trabucchi, "Istituzzioni di Diritto Civile, p. 356**).

Il-partijiet f'din il-kawza ma kellhom ebda hsieb li jifformaw il-komunjoni dejjiema ta' hajja u mhabba li hija z-zwieg. La qatt ghexu flimkien u baqghu zewg stranjieri ghal xulxin. Il-Qorti hi konvinta mis-simulazzjoni f'dan iz-zwieg.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Marzu 1998, huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------